TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 175/16/F

**Mary Rose Agius**

**vs**

**Solid Furniture Ltd.**

Illum 29 ta' Novembru, 2016

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-3 t'Ottubru, 2016 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' elf, ħames mija u ħamsin ewro (€1,550), rappreżentanti prezz ta' bibien li wara li twaħħlu ħarġu diversi ħsarat.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet ordnat ħames bibien għal prezz ta' elf, ħames mija u ħamsin ewro (€1,550), u minkejja diversi dewmien ġew imwaħħla l-bibien pero' tlieta minnhom kienu bil-ħsara. Illi t-Tribunal ra r-ritratti u jikkonferma dan.

L-intimat ma ssottomettiex risposta bil-miktub għax qal li ma jafx jikteb, pero' attenda għas-seduta u t-Tribunal semgħu.

L-intimat issottometta li hu jordna l-bibien mingħand terza persuna u meta jagħtihomlu, jġibhomlu hekk, u *di piu* jikkonferma illi minn elf, ħames mija u ħamsin ewro (€1,550) kien ta discount lir-rikorrenti ta' mitejn u disgħin ewro (€290).

It-Tribunal, wara li sema' x-xhieda taż-żewġ partijiet u ra r-ritratti, jikkonferma li l-bibien verament kellhom il-ħsara.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' elf, mitejn u sittin ewro (€1,260) bħala danni, u l-bibien jeħodhom lura wara 3 xhur mil-lum, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**